MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru. 924/2004

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Bartolo**
**v**

**CARMEL SIVE CHARLES CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMEL sive CHARLES CAMILLERI** ta' wiehed w erbghin sena, bin il-mejjet Frank u Maria nee Grima, imwieled r-Rabat, Ghawdex, nhar l-ghoxrin ta' Jannar 1962 u residenti 3, 'Bella Vista', Triq il-Madonna ta' Fatima, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 7362G gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. F’isem l-Kontrollur tad-Dwana kif wkoll f’isem, l-Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli f’Ghawdex, fid-disgha t’Ottubru 1998 u/jew f’xi data qabel, instab li xjentement importa gewwa Malta, artijiet ta’ Sten Sub Machine Gun li fuqhom id-Dazju u/jew it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovuta ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelata u li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta;

2. Talli dawn l-oggetti ghandhom valur ttotali ta’ tmein lira maltin, Dazju ta' sitt liri u tmienja w erbghin centezmu u Taxxa tal-Valur Mizjud [VAT] li tammonta ghal tnax il-lira sebgha w disghin centezmu u zewg millezmi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil istess imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Letter to Prosecute mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi datata tnax ta’ Novembru 2002 esebit fl-atti a fol 12 w immarkat bhala Dok. JS, kif wkoll il-Letter to Prosecute mahrug mid-Dipartiment tad-Dwana datat ghaxra ta’ Marzu 2003 esebit fl-atti a fol 15 w immarkat bhala Dok. PD.

Rat wkoll l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Saviour Demicoli nhar d-dsatax t’April 1999.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat n-nota t’osservazzjonijiet tal-imputat w in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkunsidrat:
Illi nhar t-tnejn w ghoxrin t’April 2004 **xehed Joseph Sacco** [fol 10] fejn esibixxa il-Letter to Prosecute mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi datata tnax ta’ Novembru 2002 li giet immarkata bhala Dok. JS [fol 12] w ikkonferma fuqha l-firma tal-Kummissarju tal-VAT.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ April 2004 **xehed Paul Dimech** [fol 13] fejn esibixxa il-Letter to Prosecute mahrug mid-Dipartiment tad-Dwana datat ghaxra ta’ Marzu 2003 li giet immarkata bhala Dok. PD [fol 15] w ikkonferma fuqha l-firma tal-Kontrollur tad-Dwana.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 **xehed l-Ispettur Paul Bond** [fol 57] fejn ikkonferma r-rapport tieghu fl-atti tal-inkjesta ‘n konnessjoni ma sejba t’oggetti ‘n konnessi m’armi fil-Parcel Post Office, Nadur, Ghawdex nhar d-disgha t’Ottubru 1999.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 **xehed Martin Debattista** [fol 58] fejn ikkonferma l-firma ta’ John Mifsud, Director General Designate fuq d-Dok. PD a fol 15 mahrug mid-Dipartiment tad-Dwana.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 **xehed Anthony Grima** [fol 59] fejn esibixxa d-Dok. CSH li hu Letter to Prosecute mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi datata tnax ta’ Novembru 2002 fil-konfront tal-imputat.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 **xehed Anthony Valletta** [fol 61] fejn qal li xi zmien ilu fix-xahar t’Ottubru 1998 kien gie mibghut pakkett mill-Parcel and Post Office ta’ Malta lejn Ghawdex u meta l-*claimant* mar biex jfitah dan il-pakkett fih kien hemm *parts* minn xi arma fih w ghalhekk dan l-pakkett rega’ gie mibghut lura Malta biex jghaddi ghand tad-Dwana. Qal li ma kienx jaf min mar jigbor dan l-pakkett. Ix-xhud esibixxa d-dokumenti CSH 1, CSH 2 u CSH 3 [fol 62 et seq], konsistenti f’invoice li kien hemm mal-pakkett mahrug f’isem l-imputat Carmel sive Charles Camilleri u dikjarazzjoni tad-Dwana fl’Amerika, fejn l-*addressee* kienet Tanya Camilleri u l-avviz ghal kunsinna ta’ pakkett f’isem l-istess Tanya Camilleri.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 **xehed PS 1147 Antoine Fenech** [fol 65] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti tal-inkjesta konsistenti f’numru ta’ ritratti tal-oggetti li kienu fil-pakkett tal-posta.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 **xehed Joseph Vella** [fol 66], Principal Evaluation Officer fid-Dwana fejn qal li lilu kienu gew mghoddija xi *parts* mill-Qorti ta’ Malta biex jaghmel valutazzjoni taghhom. Qal li huwa kellu jaccetta l-valur skond dak d-dokument. Qal li ghamilhom f’zewg settijiet u b’hekk il-valur kien ta’ tmenin lira maltin. Illi pero x-xhud ma jghid xejn dwar il-*parts* fis-sens li ma jghidx ta’ min kienu jew f’hiex kienu jikkonsistu.

Illi nhar t-tnax t’April 2005 **xehed AIC Richard Aquilina** [fol 68] fejn ikkonferma r-relazzjoni minnu mhejjija ‘n konnessjoni ma dan il-kaz liema relazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. RA a fol 17 tal-atti.

Illi minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li l-perit tekniku kkonkluda li Charles Camilleri kien ordna zewg sten part set MK II meta huwa kien l-Amerika u ta’ dawn kien hallas s-somma ta’ mitejn u hamsin Dollaru Amerikan. Peress li dawk ma waslulux sakemm kien ghadu hemmhekk, hu nkariga lil Angelo Mizzi li jigi ħu l-mara tieghu biex jibghathomlu bil-posta. Sussegwentement jghid li Angelo Mizzi baghat dawk l-oggetti go pakkett fejn iddikjara ‘Becks Puzzles & Clothes’. Fil-fatt kienu baghtu wkoll bcejjec t’arma zarmata lil Charles Camilleri u dan kien fi hsiebu jghaqqadhom billi jzid bicca kanna u jzommhom m’armi ohra li kellu fil-kollezzjoni li ghandu.

Illi nhar t-tnax t’April 2005 **xehdu l-Brigadier Maurice Calleja u PS 560 Joseph Farrugia** [fol 69] fejn ikkonfermaw r-relazzjoni minnhom mhejjija ‘n konnessjoni ma dan il-kaz liema relazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. CF a fol 11 et seq tal-atti.

Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li fl-istat li kienu l-bcejjec t’armi li ezamina, dawn ma setghux jigu sparati, izda ma jeskludix li l-parti nieqsa tista tigi manifatturata minn xi dilettant kapaci.

Illi nhar t-tnax t’April 2005 **xehed l-allura Spettur Carmelo Bartolo** [fol 70] fejn qal li fis-sena 2002 gie mghoddi kaz biex jiffinalizzah li originarjament kien qed jigi nvestigat mill-allura Spettur John Sacco. Qal li hu kien

tkellem ma mart l-imputat odjern, w anke mal-istess imputat sabiex jiccara certu punti fl-investigazzjoni. Qal li dan il-kaz ghandu l-origini tieghu mid-disgha t'Ottubru 1998. Zied jghid li mart l-imputat kienet baghtet iggib xi affarijiet minn barra tramite xi familjari u meta wasal l-pakkett bl-affarijiet mill-Amerika, kienu baghtu ghaliha tal-Posta biex tigbor l-imsemmi pakkett minn Malta pero hemmhekk giet infurmata li ma kienux ser jikkonsenjawlha l-pakkett peress li kien jikkontjeni arma tan-nar zarmata jew ahjar bicciet minn arma tan-nar.

Illi nhar l-ghaxra t'Awissu 2006 **rega' xehed l-allura Spettur Carmelo Bartolo** [fol 94] fejn qal li dan il-kaz gie mghoddi lilu wara li l-allura Spettur John Sacco kien spicca mill-Korp tal-Pulizija. Qal li fid-disgha t'Ottubru, 1998, Anthony Valletta, fil-kapacita' tieghu ta' Principal Mail Officer fil-Malta Post informa lill-Pulizija Distrettwali li n-nies li kien *in charge* minnhom fl-istess Malta Post ghamlu tfittxija f'*parcel* li kien gej mill-Amerika u fih sabu bicciet t' arma tan-nar fost xi hwejjeg u gugarelli tat-tfal. Qal li l-pulizija kienet marret fuq il-post u nfethet Inkjesta Magisterjali u kien irrizulta li kienet certa Tanya Camilleri, mart l-imputat, li kienet marret tigbor dan il-pakkett. Irrizulta wkoll li dan il-pakkett kien indirizzat lilha u cioe lil Tanya Camilleri, pero' kien l-allura Spettur Sacco li kien investiga lill-imputat.

Ix-xhud esebixxa stqarrija rilaxxjata mill-istess imputat li giet immarkata bhala Dok. 'CB' u fuqha x-xhud gharaf il-firma tal-allura Spettur John Sacco, ta' Carmel sive Charles Camilleri u dik tas-Surgent fuq kull faccata taghha.

Qal li sussegwentement kien baghat ghal din Tanya Camilleri u wara li kien taha s-solita twissija hi qalet li ma kienetx taf dwar dawk l-armi u qalet li ma kienet taf xejn bihom, pero' kienet qaltlu li zewgha kien dilettant ta' l-armi tan-nar u kellu kollezzjoni fid-dar tieghu. Qal li hi baqghet tinsisti mieghu li ma kienet taf xejn dwar dan.

Sussegwentement hu kkordina mad-Dipartiment tad-Dwana u mal-VAT u nharget Letter to Prosecute biex gew

inizjati dawn il-proceduri fir-rigward ta' l-imputat odjern. Ix-xhud esebixxa estratt mill-att tat-twelid tal-imputat prezenti fl-awla li gie mmarkat bhala Dok. 'CB I.

In kontr'ezami, ix-xhud, mistoqsi f'liema stat tal-proceduri hu kien dahal, wiegeb li dahal f'din il-kwistjoni meta l-investigazzjoni kienet kwazi lesta u kien ghad baqa' li huma jitkellmu mas-sinjura ta' l-imputat u dana bi skop biex jaraw sa fejn taf hi biex jaraw jekk fil-fatt kienetx involuta f'din l-importazzjoni.  Qal li fil-parti tax-xhieda li hu ta, kien dak li rrizultalu mir-rapport tal-pulizija li ghandhom.

Illi nhar l-ghaxra t'Awissu 2006 **xehed Mario Attard** [fol 100] fejn qal li fis-sebgha t'Ottubru, 1998 ghall-habta ta' nofsinhar kienet marret certa Tanya Camilleri biex tigbor pakkett li kien gie mibghut lilha mill-Amerika.  Qal li bhala procedura tas-soltu, huma fethu l-pakkett, u waqt li kien qed jifthu, bejn il-hwejjeg u l-gugarelli w affarijiet li ntbghatu, sab li kien hemm vicin, pakkett iehor li fih kienu mgezwra bicciet t'arma zarmata.  Qal li hu qalilha li xtaq jiftahom u hi ma kellhiex oggezzjoni ghal dan w ghalhekk kif beda jifthu biex jiccekkja dan il-pakkett ra affarijiet ta' metal u sejjah lis-superjuri tieghu u qalilhom li kellu suspett li seta' kien hemm xi bicciet t' arma.

Qal li hu qal lil Tanya Camilleri li xtaq ikellemha wahidha u hi qaltlu li ma kienet taf b'xejn. Qal li pprova jcempel lil Mr. Refalo, l-Ufficcjal tad-Dwana, biex jaghtih struzzjonijiet x'ghandu jaghmel u John Refalo qallu biex jibghat il-pakkett lejn Malta peress li kien hemm suspett li seta' kien hemm x' arma u ghalhekk baghat dan il-pakkett lura Malta.  Qal li minn hemm 'il quddiem ma jaf xejn aktar. Qal li dakinhar hu kien Senior Post Person fuq il-Counter.

Mistoqsi x'kienet id-data, wiegeb li kienet s-sebgha t'Ottubru, 1998 u kien jum l-Erbgha.  Qal li minn dan kien cert.  Ftakar li hu kien ta x-xhieda tieghu fl-atti ta' din l-Inkjesta b'mod partikulari quddiem il-Perit Arkitett Richard Aquilina.  Qal li kienet giet moqrija lilu x-xhieda li hu kien ta fl-atti ta' l-Inkjesta w ikkonfermaha fl-intier taghha.  Din tinsab inserita fl-atti a fol. 20 tal-Process.  Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd hdejh meta giet Tanya Camilleri ghal

dan il-pakkett, wiegeb fin-negattiv. Qal li fuq il-Counter wahdu kien. Tanya Camilleri hemm kienet ghax fil-fatt fetah il-pakkett fil-prezenza taghha.

In kontr'ezami ix-xhud qal li kienet Tanya Camilleri li marret tigbor il-pakkett w effettivament verament hu ma kien ra l-ebda referenza ghal Carmel Camilleri fil-pakkett. Qal li fil-pakkett kien hemm hwejjeg, *toys* u dan il-pakkett li hu kien semma bl-armi.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin t'Awissu 2006 **xehed John Refalo** [fol 103] fejn qal li llum il-gurnata hu kien irtirat pero' xi tmienja jew disa' qabel hu kien jokkupa l-kariga t'Ufficjal tal-Customs fil-Posta ta' Malta u Ghawdex. Ftakar li kien cempillu *counter clerk*, Ghawdex u qallu li f'pakkett li suppost kellu certu affarijiet, sab affarijiet ohrajn li kienu differenti minn dawk li kien hemm dikjarati. Qal li ghalhekk hu qallu biex jerga jaghlaq il-pakkett u dan inghalaq bit-*tape* minn dan il-*counter clerk*. Qal li kien qal lil dan il-*counter clerk* sabiex minn wara l-pakkett jiffirma fuq it-*tape*. Qal li sussegwentement, dan l-pakkett gie Malta u hu cempel lill-Pulizija.

Kompla jghid li l-pakkett rega' nfetah fil-prezenza tal-Pulizija, rapprezentant tal-Maltapost u fil-prezenza tad-Dwana. Meta nfetah il-pakkett apparti li nstabu dawk l-affarijiet li kienu dikjarati li kienu xi *toys* u hwejjeg, kien hemm zewg pakketti li ma kienux iddikjarati. Qal li kien hemm xi karti ohra maghhom. Qal li sussegwentement il-Pulizija elevaw kollox u tawh ricevuta li l-pakkett kien mar ghandhom.

Ix-xhud spjega li minn notamenti li ghandu nhar s-sebgha t'Ottubru 1998, l-iskrivan tan-Nadur Branch Post Office, certu Mario Attard kien cempillu biex javzah b'dik il-bicca xoghol. Qal li Dok. 1 huwa rapport li hu ghamel lis-*senior* tieghi lid-Dwana u Dok. 'A' huwa l-Parcel Post Notice li juri li certa Tania Camilleri rceviet pakkett minghand Angelo Mizzi mill-Amerka. Fuq wara hemm dikjarazzjoni ta' dak li suppost kellu jikkontjeni dan il-pakkett. Qal li meta ittiehdet id-*declaration of contents* li ttiehed mill-pajjiz minn fejn intbaghat dan il-pakkett. Dan huwa Dok. 'D'. Fil-

pakkett instab ukoll letteratura, konsistenti f'hames folji u dokument 'C' huwa fattura ndirizzat lil Charlie Camilleri li tindika li huwa xtara tlett partijiet minn arma ghal prezz ta' mitejn u sitta u sittin (266) Dollaru Amerikan. Id-Dok. 'E' hu ricevuta li rrillaxxjaw l-Pulizija meta hu tahom il-pakkett. Qal li fuq dan id-dokument hemm il-firma tieghu, ir-rapprezentant tal-Maltapost iffirma wkoll u l-Ispettur u s-Surgent tal-Pulizija. Qal li meta hu ndika lil Carmel Camilleri huwa kellu ndirizz l-Amerika u mhux tal-akkuzat odjern. Dak iz-zmien il-persuna kellu jottjeni licenzja minghand it-Trade u l-Pulizija biex timporta armi. Jistghux jidhlu armi partikolari jew le jiddependi fuq il-Pulizija.

Illi nhar l-ghaxra t'Awissu 2006 **xehed Victor Mercieca** [fol 116] fejn qal li dak iz-zmien hu kien jokkupa l-kariga ta' Mail Inspector mal-Maltapost. Qal li ghal habta ta' nofsinhar kienet marret mara tigbor pakkett u l-iskrivan, Mario Attard m'irrilaxxjahx ghaliex kellu certi suspetti fuqu u talbu jkun presenti biex jezaminah fil-presenza ta' din il-mara. Qal li hu dehrlu li l-*parts* kienu t'arma mhux *assembled* li kienu f'envolopp tal-*plastic*. Qal li hu dak l-hin qal lil iskrivan li l-*parts* kienu t'arma u kien hemm projbizzjoni biex jidhol jekk ma kienx hemm licenzja u permess mill-pulizija w ghalhekk cempel lil Officer in Charge Parcel ta' Malta, certu John Refalo li tah struzzjonijiet biex jerga jissiggilla l-pakkett u jibghatu lura u hu hekk ghamel. Zied jghid li wara xi ghaxar minuti mar l-imputat odjern, flimkien ma martu mal-*counter* biex jara x'kien gara u hu qallu li l-oggetti ma setghux jigu rilaxxjati u li l-pakkett kien ser jerga jintbaghat lura Malta. Ikkonferma li waqt dan il-process l-mara tal-imputat biss kien hemm, kienet l-unika mara li kien hemm fl-ufficju.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2007 **xehed John Sacco** [fol 123] fejn qal li meta gara dan il-kaz u cioe' fis-sena 1998 hu kien ghadu Spettur fil-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt illum il-gurnata ghaddew kwazi ghaxar snin w ghalhekk, zied jghid ix-xhud, kellu jaghmel riferenza ghan-notamenti li kien ha dak iz-zmien u cioe proprju ghar-rapport li kien ghamel lis-superjuri tieghu. Qal li fid-disgha t'Ottubru 1998 ghal habta tal-hdax ta' fil-ghodu certu Anthony Vella mill-Mellieha, fil-kapacita' tieghu bhala Principal Mail

Officer fil-Maltapost plc ta’ Hal Qormi irrapporta lill-pulizija tad-distrett li kien gie nfurmat mill-Customs Officer John Refalo li kien hemm pakkett li kien jikkontjeni xi tip ta’ arma tan-nar. Qal li kien stabbilit li dan il-pakkett kien indirizzat lil certu Tanya Camilleri, residenti f’Fatima Street, Nadur, Ghawdex w il-pakkett kien jikkontjeni partijiet ta’ zewg *sub-machine guns* tal-ghamla ‘Sten Mark 2’. Zied jghid li l-pakkett kien jikkontjeni wkoll xi *puzzles*, hwejjeg, kif ukoll kotba.

Qal li l-pakkett pero’ kien iddikjarat li kien jikkontjeni kotba, *puzzles* u hwejjeg biss. Qal li kien irrizulta wkoll li l-pakkett kien mibghut minn certu Angelo Mizzi mill-Amerika. Qal li kopja ta’ *invoice* bin-numru 12696 datata tmienja ta’ Dicembru 1997 u mahruga minn Ohio Ordinance Works fl-Amerika ndikat illi kien hemm tlett *stand sub-machine guns* u l-partijiet cioe’ l-partijiet taghhom kellhom valur ta’ mitejn sitta u sittin Dollaru Amerikan. Qal li kienu *billed* u *shipped* lil certu Charles Camilleri residenti gewwa New York. Qal li mill-investigazzjonijiet irrizulta li Tanya Camilleri kienet ghamlet tentattiv sabiex tigbor il-pakkett mill-branch tar-Rabat, Ghawdex u rrizulta wkoll li Tanya Camilleri hija l-mara ta’ Charles Camilleri msemmi qabel.

Mrs. Camilleri pero’ ma thallietx tigbor dan il-pakkett wara li sar *inspection* qabel ma gie rrilaxxjat il-pakkett kompla jghid x-xhud. Qal li ghalhekk gie nfurmat il-Magistrat Dottor Saviour Demicoli kif ukoll xi esperti biex jghinu fl-inkjesta. Qal li Charles Camilleri, li gharaf hawn prezenti, gie ntervistat fl-ufficcju tieghu dak iz-zmien, fid-disgha t’Ottubru 1998 u kien ghazel li jirrilaxxja stqarrija fejn kien qal li hu kien jghix New York sa Awissu 1997, u dak iz-zmien kien ordna xi *parts*, il-*parts* li kienu ‘n kwistjoni cioe’ dawn il-*parts* tal-‘Sten Mark 2’ u kien ordna sabiex jigu mwasslin sad-dar tieghu gewwa New York. Qal li dak iz-zmien kien allega wkoll li kien hemm xi *strike* mal-kumpanija UBS w allura damu biex waslu. Qal li kien ghamel arrangamenti dak iz-zmien gewwa l-Amerka ma’ certu Angelo Mizzi u qallu li jekk hu jilhaq jinzel lura lejn Ghawdex mill-Amerika sabiex jibghathomlu Ghawdex u fil-fatt hekk gara. Qal li l-imputat, meta gie mistoqsi jekk

jiftakarx li qalx lil Angelo Mizzi sabiex jiddikjara l-*parts* tal-*machine guns* jew le qal li ma jiftakarx. Qal li l-imputat kompla jghid li kien dilettant tal-armi u ried li dawn l-'Sten Machine Gun' ikienu jiffurmaw parti mill-kollezzjoni tieghu li kellu registrata mal-pulizija. Stqarr li ghalih l-armi li kienu diga *assembled* kellhom jigu ddikjarati w allega li ma kienx jaf illi jrid jiddikjara l-*parts* ukoll. Qal li l-imputat allega wkoll li fil-fatt kien ordna zewg settijiet u mhux tlieta kif kien hemm fil-pakkett. Qal li haseb li forsi kien hemm xi zball fuq l-*invoice*. Ix-xhud zied jghid li dak iz-zmien il-mara tal-imputat kienet irrilaxxjat ukoll stqarrija quddiemu stess.

In kontr'ezami x-xhud qal li llum il-gurnata ilu li telaq mill-Korp w ghalhekk m'ghadx ghandu access ghall-*files* tal-pulizija. Meta gie muri l-process, qal li a fol 27 tal-proces verbal hemm l-istqarrija li kien irrilaxxja l-imputat, prezenti fl-awla, w ikkonferma l-firma tieghu, dik ta' Charles Camilleri u ta' PS 162 Joseph Howard. Qal li din fiha tlett faccati u giet rilaxxjata fid-disgha t'Ottubru 1998, wara li nghata s-solita t-twissija. Mistoqsi jekk il-*parts* flimkien li nstabu jikkostitwux arma jew le ix-xhud wiegeb li ma setghax jghid u ma kienx f'posizzjoni li wiegeb din id-domanda.

Irrepeta li l-oggetti gew mibghuta minn Angelo Mizzi lil Tanya Camilleri, mart l-imputat u tali *dispatch* saret fuq struzzjonijiet tal-imputat, skond ma qal hu stess waqt li rrilaxxja l-istqarrija tieghu. Qal li *Import licence* ma jahsibx li kien hemm f'din il-kawza ghaliex ma kienux ddikjarati bhala tali zgur. Qal li skond l-istqarrija li rrilaxxja l-imputat l-involviment tieghu kienet biss limitata waqt li huwa kien l-Amerika.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat mx xehdtx f'dawn il-procecduri izda kien irrilaxxja stqarrija dakinhar li kienet qed tinzamm l-investigazzjoni odjerna. Minn ezami ta' din l-istqarrija, esibita a fol 27 tal-atti, liema stqarrija ma gietx kontestata

mill-imputat, jirrizulta li l-imputat ammetta li kien hu li xtara il-*parts* li gew mibghuta lilu minn Angelo Mizzi u dan ghaliex il-pakkett ma lahaqx wasal ghandu meta kien Nw York w ghalhekk kien ta struzzjonijiet sabiex jigu mibghuta lilu bil-posta. Huwa kkonferma li kien xtara dawn il-*parts* ghal prezz ta' mitejn u hamsin Dollari Amerikan oltre dan hallas ghal posta taghhom.

Illi ghalhekk l-imputat fl-istqarrija tieghu, ma hemmx dubbju, li assuma kull responsabbilita dwar din l-importazzjoni, ghaliex wara kollox, kif qal hu stess fl-istqarrija, kien hu li talab lil Angelo Mizzi biex jibghathomlu.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx ma dak sottomess mid-difiza fin-nota taghha, dwar l-importazzjoni tal-oggetti konnessi mal-armi.

Illi pero dwar dak li sollevat dwar l-akkuza tal-VAT u cioe li l-imputat naqas li jhallas il-VAT, il-Qorti rat li l-importazzjoni saret fis-sena 1998 w appuntu fis-sebgha t'Ottubru 1998 w ghalhekk l-Att XXIII tas-sena 1998, imsejjah l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ma japplikax f'dan il-kaz, stante li dan l-Att gie fis-sehh, kif tajjeb gie rilevat mid-difiza, fl-ewwel ta' Jannar 1999.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe 17, 60(b)(k), 61, 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(i)(k)(m), paragrafu (a) tal-Proviso tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, l-artikolu 18A(I) tal-Att dwar Dazji t'Importazzjoni u **tiddikjara li ssib lil imputat CARMEL sive CHARLES CAMILLERI hati talli xjentement importa f'Malta partijiet ta' Sten Sub Machine Gun u li fuqha ma hallasx dazju w ghalhekk tikkundannah skond l-istess artikolu 62, qabel ma gie emendat fis-sena 2001, ghal hlas ta' multa ta' mija sitta w sittin lira maltin u tmienja w erbghin centezmu ekwivalenti ghal tlett mija tmienja w tmenin (388) Euro.**

Oltre dan tordna <u>l-konfiska tal-oggetti</u> esibiti mill-Brigadier Maurice Calleja u PC 560 Joseph Farrugia fl-atti tal-inkjesta b'mod partikolari l-Barrel Housing, Magazine

Housing, Magazine, Breech Block, Cocking lever, Butt, Main Spring, Trigger Mechanism and housing, u xi viti u bicciet zghar ohra favur il-Gvern ta' Malta.

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra tal-esperti nominati f'din l-kumpilazzjoni ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa tali talba u tordna lil imputat ihallas tali spejjez u cioe l-hatra ta' AIC Richard Aquilina, tal-Brigadier Maurice Calleja, PS 560 Joseph Farrugia, u PC 1147 Antoine Fenech **fl-ammont komplessiv ta' tlett mija sebgha w tletin Euro [€337] u dan fi zmien xahar mill-lum u fin-nuqqas l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------